# IL-QAWMA MILL-IMWIET

**L-EWWEL QARI**
**Qari mit-Tieni Ktieb tal-Makkabej.**
**2 Makk 7, 1-2, 9-14**

F'dak iż-żmien: Ġara li arrestaw sebat aħwa flimkien ma' ommhom. Is-sultan, b'daqqiet ta' frosta u nerv, ried iġagħalhom jieklu mil-laħam tal-majjal, li ma kienx jiswa min jieklu. Wieħed minnhom tkellem f'isem ħutu u qallu: "Int xi trid tistaqsina? Xi trid tkun tak minn għandna? Aħna lesti mmutu u ma niksrux il-liġijiet ta' missirijietna.''
Meta wasal biex jieħu l-aħħar nifs it-tieni wieħed qal lis-sultan: "Bniedem misħut, int qiegħed tneħħilna din il-ħajja ta' issa, imma is-Sultan tal-ħolqien iqajjimna għal ħajja ġdida għal dejjem , għax aħna qegħdin immutu għal-liġijiet tiegħu.''
Wara dan kien hemm it-tielet wieħed, u bdew jiddieħku bih. Malli ordnawlu, ħareġ minnufih ilsienu, medd idejh bla biża' u bl-almu kollu qal: "Dawn mis-sema ksibthom, u minħabba fil-liġi tiegħu jien xejn ma nqishom, għaliex għandi t-tama li bis-saħħa tiegħu neħodhom lura.'' Għalhekk is-sultan stess u dawk ta' madwaru baqgħu mistagħġba bil-qawwa taż-żagħżugħ li xejn ma beda jqis l-uġigħ.
Meta dan ukoll miet, qabdu jaħqru lir-raba' wieħed u jbiċċruh bl-istess mod. Kif wasal biex imut qal: "Aktar nagħżlu li joqtluna l-bnedmin u ngħożżu f'qalbna t-tama li Alla għad iqajjimna mill-ġdid. Iżda għalik ma jkunx hemm qawmien mill-ġdid għall-ħajja.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 16**
**Meta nqum, nithenna bid-dehra tiegħek.**

Isma', Mulej, il-kawża ġusta tiegħek,
ilqa' l-għajta tiegħi,
agħti widen għal talbi
li ġej minn xofftejn bla qerq.

**R/. Meta nqum, nithenna bid-dehra tiegħek.**

Żammejt il-mixja tiegħi fi triqatek,
qatt ma għotru riġlejja.
Jiena nsejjaħlek, għax, inti twieġibni, o Alla;
resssaq widintek lejja, isma' kliemi.

**R/. Meta nqum, nithenna bid-dehra tiegħek.**

Għad-dell ta' ġwenħajk kenninni.
Jien, għax ġust, għad nara wiċċek:
meta nqum, nithenna bid-dehra tiegħek.

**R/. Meta nqum, nithenna bid-dehra tiegħek.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu**
**lit-Tessalonkin**
**2 Tess 2, 16-3. 5**

Ħuti: Sidna Ġesu' Kristu u Alla Missierna, li ħabbna u tana l-faraġ ta' dejjem u t-tama sħiħa fil-grazzja tiegħu, ifarrġilkom qlubkom u jwettaqkon f'kull għemil u kelma tajba.
Mill-bqija, ħuti, itolbu għalina sabiex il-kelma tal-Mulej tinxtered u tissebbaħ bħalma hi fostkom. Itolbu li aħna nkunu meħlusin min-nies midimba u ħżiena. Għax mhux kulħadd għandu l-fidi. Il-Mulej hu fidil; hu jwettaqkom u jħariskom mill-Ħażin.
Aħna għandna l-fiduċja fil-Mulej, li intom qegħdin tagħmlu u għad tagħmlu dak li aħna nikkmandawkom. Ħa jmexxi qlubkom il-Mulej lejn l-imħabba ta' Alla u s-sabar ta' Kristu.

**Il-Kelma tal-Mulejk**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Ishru, u itolbu l-ħin kollu,
biex tieqfu bla biża' quddiem Bin il-bniedem.
**Hallelujah.**

**L-EVANĠELJU**
**(Is-silta bejn il-parentesi tista' ma tinqarax.)**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 20, 27-38**

F'dak iż-żmien: Resqu fuq Ġesu' xi wħud mis-Sadduċej, dawk li jiċħdu l-qawmien mill-imwiet, u staqsewh fuq hekk,
("Mgħallem,'' qalulu, "Mose' ħallielna miktub, 'Jekk wieħed imutlu ħuh miżżewweġ u dan ikun bla tfal, dak ikollu jiżżewweġ l-armla hu biex inissel ulied għal ħuh.' Issa jkun hemm sebat aħwa, u l-kbir iżżewweġ u miet bla tfal. It-tieni wieħed u mbagħad it-tielet, ħadu l-armla huma. F'kelma waħda s-sebgħa li kienu, u mietu bla ma ħallew tfal. Fl-aħħar mietet il-mara wkoll. Issa din, fil-qawmien ta' l-imwiet, mart min minnhom tkun? Għax is-sebgħa jkunu żżewġuha.'')
Weġibhom Ġesu': "Il-bnedmin f'din id-dinja jżewġu u jiżżewġu; imma dawk li jkunu nstabu li jistħoqqilhom igħaddu għad-dinja l-oħra u għall-qawmien ta' l-imwiet, dawn la jżewġu u anqas jiżżewġu: għax anqas jistgħu jmutu iżjed, għaliex huma daqs li kieku anġli, u huma wlied Alla ladarba wlied il-qawmien mill-imwiet. U li l-mejtin iqumu, Mose' wkoll urieh, fejn hemm imsemmija x-xitla tal-għolliq, għax lill-Mulej igħidlu Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakob. Issa hu mhuwiex Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjiin, għax għalih kulħadd igħix.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**